# SAN PAWL FIL-POEZIJA TA' DUN KARM

*Ta'* K. Vassallo

SAN PAWL hu l-akbar teżor li bih Alla għana lil Malta, u Malta m'għandha għax tiftaħar b'xejn aktar milli bil-miġja ta' l-Appostlu tal-Ġnus li seħħet elf u disa' mitt sena ilu.

Kienet xorti tassew kbira għal din il-gżira li bilkemm tidher fil-Mediterran li, flimkien ma' l-akbar u l-aqwa nazzjonijiet li ħakmuha minn żmien għal żmien, waqt li kollha flimkien swew biex bidluha f'benniena ta' ċiviltà, kellha tara wkoll mibgħut fiha b'miraklu tas-sema l-egħref fost l-Appostli ta' Kristu u wieħed mill-akbar Qaddisin. Hi ħaġa kurjuża u fl-istess ħin tal-għaġeb kif Alla l-Imbierek jitfa' wisq drabi għajnejh fuq iċ-ċkejknin, kienu dawn bnedmin jew pajjiżi, u lilhom jagħżel u jgħolli fuq il-kbar u l-kburin. Betlehem, belt ċkejkna u fqira, rat jitwieled fiha l-Messija, l-Iben Waħdieni ta' Sid il-ħolqien, Alla Bin Alla. Atene u Ruma, l-aqwa u l-iprem żewġt ibliet tad-dinja f'dak iż-żmien, ma messithomx ix-xorti li messet lil Betlehem. Nazaret, belt oħra ċkejkna u magħrufa ftit li xejn f'dawk iż-żminijiet, kienet il-għamara ta' Marija Verġni, Omm Ġesù, u ta' żewġha Ġużeppi, il-missier putattiv tal-kbir Alla magħmul bniedem. Hekk ukoll Malta, waħda mill-iżgħar gżejjer fid-dinja, għad li kbira u magħrufa fl-istorja sa mill-eqdem żminijiet, ġibdet fuqha sa minn kmieni għajnejn Alla l-Ħanin li, għax iħobbha u jgħożżha, għoġbu jibgħatilha biex jikkonvertiha lil Pawlu ta' Tarsu, l-akbar fost l-Appostli.

In-Nawfraġju ta' San Pawl kien miraklu, u m'hemmx paġna fl-istorja tagħna isbaħ u eqdes minn din. Il-ġrajjiet sbieħ li ndammu b'riżq Artna l-maħbuba meta ġie fostna l-Konti Ruġġieru, meta Malta u l-Ordni tal-Kavalieri ħarbtu u farrku u xejnu l-qawwa u s-setgħa tan-Nofs Qamar, wara li żmien qabel Malta' kienet infdiet mill-ħakma misħuta ta' Don Gonsalvo Monroy bis-saħħa ta' tletin elf fjorin maħruġin minn bwiet il-Maltin, għoddhom jintfew u jninu ħdejn din il-ġrajja li baqgħet, kull ma jmur, tissaħħaħ u tisseddaq, tisbieħ u tiġġedded, titwettaq u titqaddes għax ġejja tabilħaqq mis-Sema. Xhieda tassew sħiħa ta' dan hija l-Fidi li, imkebbsa u mxettla f'dawn il-Gżejjer minn Pawlu dsatax-il mitt sena ilu, baqgħet ħajja u bla mittiefsa sal-

lum, għad li ġarrbet u rat ma' wiċċha l-eqqel irwiefen fit-taqlib u l-għawġ u l-hemm li minnu għaddiet din l-Art ħelwa, "l-Omm li tatna isimha". Xhieda oħra sħiħa ta' dik il-ġrajja glorjuża hija l-qima li l-Maltin baqgħu dejjem iżommu taħraq fihom lejn dan il-kbir Appostlu, Patrun Ewlieni ta' Malta u l-gżejjer li jagħmlu magħha. Kull Malti mhux talli jemmen biha din l-ġrajja mbierka, imma talli jħossha fih. Min jista' jiċħad ir-rabta tal-għaġeb li hemm bejn Malta u Pawlu? U għaliex u kif, għal ma' tul dsatax-il mitt sena sħaħ, din ir-rabta għażiża qatt ma nħallet, waqt li l-paternità ta' Pawlu baqgħet dejjem tinħass u tiġġarrab fil-ħajja ta' kull Malti?

Tabilħaqq ġrajja hekk kbira u tal-għaġeb, barra milli tibqa' tiġġedded u tisseddaq bil-għemil ħaj tal-Fidi, ma setgħetx ma tissebbaħx ukoll bil-għana li nsibu jgelgel u jfawwar f'qalb il-poeti tagħna, u b'mod speċjali f'qalb dak li l-lum il-ġurnata hu magħruf u magħdud bħala l-akbar u l-ogħla wieħed fosthom kollha, il-Poeta Nazzjonali Dun Karm. Kienet ħaġa xierqa u flokha li San Pawl, li tant ħabb lil Malta, isib lil min, f'isimha, jinsiġlu kuruna mill-isbaħ ta' ħajr, ta 'sebħ u ta' foħrija—kuruna li l-ward ifuħ u mlewwen tagħha ma jidbiel u jinxef qatt għaliex għandu minn rebbiegħa ta' dejjem. Ħabat sewwa ħafna wkoll li dan il-poeta kellu jkun Ministru t'Alla bħalma kien Pawlu minn Tarsu, u l-akbar u l-ogħla fost kemm poeti għandha Malta bħalma San Pawl kien l-aqwa u l-akbar fost l-Appostli ta' Kristu.

> Le, ma qamx minn jeddu l-baħar,
> Ma venvinx minn jeddu r-riħ:
> It-taqliba kienet twaħħax;
> Imma l-ħsieb ħanin, sabiħ.

Hekk jibda biex ifisser Dun Karm il-miraklu li seħħ bil-miġja ta' San Pawl f'dawn il-gżejjer, għeżież mhux ftit għal qalb Alla l-Imbierek.

> "Għal Ruma," qal Pawlu lil Festu:
> Għal Ruma tinfirex il-qlugħ;
> 'Ma r-rwiefen iqumu, w-il-mirkeb
> Arawh fuq il-Gżejjer mitfugħ.

Il-ħsieb ta' Pawlu u ta' kemm-il wieħed kien hemm ibaħħar miegħu, magħdud il-Kaptan, kien dak li minn Ċesarea jib-

qgħu sejrin Ruma, fejn Pawlu kellu jappella kontra l-kawża li kienet saritlu. Madankollu, Alla l-Imbierek kellu ħsieb ieħor f'moħħu: dak li l-bastiment jinkalja u jitfarrak fuq dak l-ilsien blat li hemm 'il barra mill-Mistra biex b'hekk Pawlu, imsieħeb minn Luqa l-Evanġelista, ikun jista' jibdel lil Malta pagana f'Malta Nisranija.

Fuq l-aħrax, 'il barra mill-Mistra,
X'ġibidkom bil-kotra dal-ħin?
Il-ħalel f'dagħdigħa li twaħħax
Arawhom bħal żwiemel deħlin

*

Jitkissru mal-blat u jitniehdu
Bħal bhejjem midruba; la ħjiel
Ta' xemx fuq ix-xefaq imsaħħab;
U x-xita tissawwab bil-qliel.

.....................................

Qajl qajl, għoddu sebaħ: erb'ankri
Ma' l-amar jirtefgħu mill-qiegħ;
Il-Qoxra tixxengel mal-mewġa
Minfuħa, qalila bis-sħiħ.

* * *

Mitejn u sebgħin u ftit iżjed
Id-difna fil-baħar stennew,
Mitejn u sebgħin u ftit iżjed
Fi ħdanek, o Malta, thennew.

Fuq l-aħrax, 'il barra mill-Mistra,
Tat ilsna ħuġġieġa tan-nar;
Mill-kesħa tal-baħar u x-xita
Fik staħja sa l-inqas baħħar.

Kien tabilħaqq jum imbierek għalina u għal missirijietna dak tal-għaxra ta' Frar, sittin sena mit-twelid ferrieħ ta' Kristu. Il-ferħ u l-hena li ġarrbet Malta dak in-nhar għadu u jibqa' jiġġedded mal-mixja twila tas-snin. Il-Maltin, li minn dejjem kienu nies ta' qalb kbira u jħossu u jħennu tabilħaqq għal min ikun fil-għawġ, meta raw lil dawk il-barranin, fosthom Pawlu u sieħbu Luqa, imxarrbin għasra u jtertru bil-kesħa u bil-bard, malajr ġiehom f'rashom x'għandhom jagħmlu ħalli dawk li kienu għad-

hom kemm ħelsu ġildhom mill-għarqa ma jmutux fuq ix-xatt megħlubin mill-ksieħ: u għalhekk kebbsu ħuġġieġa ħalli l-oħrajn jisħnu xi ftit, waqt li f'ħin wieħed daru bihom u waqfu magħhom ukoll mill-aħjar li setgħu. Dan itarrfu San Luqa nnifsu fl-Atti ta 'l-Appostli, Kap. 28, versi 1 u 2. Kienu tassew twajba u għaqlin missirijietna t'ilu! Imma żgur li qatt ma basru li aktar ħanin, aktar ta' faraġ u aktar ta' fejda minn dak in-nar li kebbsu huma għal Pawlu u sħabu, kien in-nar li Pawlu kellu jixgħel u jħeġġeġ fih għalihom. Sa dak il-ħin min qatt sata' jintebaħ bir-rigal tassew għażiż li kien ġibilhom miegħu dak il-Lhudi u ċittadin Ruman li żmien qabel Sidu u Sidna Ġesù kien rebaħ għalih u għall-Knisja Tiegħu?

Kbir, iva, kien id-dawl li xegħel f'qalb u f'ruħ Malta b'rihet il-miġja ta' l-Appostlu tal-Ġnus. Issa, flok qabda allat boloh u kiesħa tal-ħaġar imsawrin minn id u moħħ il-bniedem, il-Maltin kienet ġietnom ix-xorti jagħarfu u jqimu 'l Alla veru, Alla Wieħed, Alla Ħaj! Isimgħu b'liema għaqal, ħila u ħajr għaraf Dun Karm ifisser fi kliemu poetiku dak li aħna għadna kemm ġbarna fi kliemna hawnhekk, waqt li f'ħin wieħed juri x'kienu l-kobor u l-glorja ta' Malta pagana qabel il-miġja ta' San Pawl fostna:

Naf kemm nies taqsam l-ilmijiet tal-baħar
Biex tiġi taqra dak il-ktieb qadim,
Xi ħsieb hemm jiddi fl-għar ta' Ħalsaflieni,
Lil min inħarqu l-bhejjem f'Ħaġar Qim.

U naf ukoll kemm Ruma ftaħret bina
Fl-insiġ, fil-bini, f'kull ma taf trodd l-id,
Ruma li rebħet u, bħal min jaf jaħkem,
Lill-mirbuħin għaniet bil-għerf u l-ġid.

Iżda l-allat li Malta kienet ħatret
Kienu tal-ħaġar, u ma kellhomx qalb;
Fil-jum tal-hena qatt il-ħajr ma fehmu,
Fil-jum tal-biki qatt ma semgħu talb.

Int biss ġibtilna dak id-dawl tas-sewwa
Li rebħek ta' Damasku fuq it-triq,
U ġagħlek tħoss ġo qalbek u ġo ħsiebek
Kemm taf il-Qawwa t'Alla tniggeż sfiq.

Ġibtilna dak id-dawl li mbagħ'd inxtered
Minn belt għal belt, u sebbaħ kullimkien,
Li nebbet ward fejn il-għollieq kien għatta,
Li tafa' l-barka fil-għeruq taż-żmien.

Imbierka, Pawlu, il-mewġa li wasslitek
Fuq ix-xtut tagħna; imbierek dak il-jum
Li l-qalb ħanina ta' missirijietna
Laqgħetek ħelu hemm fuq dak ir-rdum.

Imbierka l-Emmna li għallimtna, Pawlu,
Sħiħa, qawwija bħala lsien tan-nar;
Emmna li saret aħna, Emmna Maltija,
Kif ridtha Int, Appostlu ta' l-azzar.

Xi ġmiel, x'qawwa, x'dehen u għerf u saħħa hemm maħżuna f'dawn il-versi tal-Prinċep tal-Lirika Maltija! Appostlu tabilħaqq ta' l-azzar, sħiħ u qawwi daqs l-imrammi ta' l-iswar li jħażżmu 'l Artna, kien il-kbir Pawlu ta' Tarsu- Daqshekk ieħor ukoll huma sħaħ, mimlija u qawwija l-versi tal-Poeta Nazzjonali tagħna. Kemm iħobbu dan is-saċerdot u poeta Malti lil Missierna Pawlu! U kif tixgħel u tħeġġeġ l-immaġinazzjoni tiegħu fejn jidħol Dak li għamilna Nsara! Jien lil Dun Karm qrajtu mijiet ta' drabi, u dejjem bqajt insibu frisk u ġdid. Hemm fil-poeżija bnina tiegħu dak is-seħer li hu biss id-don ta' l-erwieħ kbar. Jogħġobni u jgħaġġibni Dun Karm bil-versi tiegħu, bħalma jogħġobni u jgħaġġibni San Pawl għall-ħidma lieżma fl-apostolat, għad-dinamiżmu u l-ħeġġa tiegħu, għall-kobor u l-għerf u l-qodos li ħażen fl-Ittri tiegħu. Le, ma kienx ta' b'xejn li l-Kbir Alla bagħat lil Pawlu b'tempesta f'dawn il-Gżejjer, fejn il-Poeżija Reliġjuża mhix inqas sħiħa u qawwija milli hi l-Fidi li ħallielna hu. Pawlu ħa grazzja speċjali ma' din l-Art imbierka, fejn hu qatta' tliet xhur jagħmel il-ġid lil niesna billi jgħallimhom l-egħżeż ħwejjeġ u dak li hu tassew ta' fejda għar-ruħ.

Il-bidla li ġieb Pawlu f'Artna kienet bħal dik ta' mil-lejl għan-nhar, mid-dlam għad-dawl, mill-mewt għall-ħajja. Il-Poeta, fit-XIII-il Warda li qata' f'ġieħ San Pawl Missierna, iqabbel il-Fidi tagħna ma' siġra li fil-għera tal-ħarifa taħsibha mejta, iżda hekk kif terġa' fuqha r-rebbiegħa, araha tistenbaħ u tqum, hi u timtela bir-rimi u bl-inwar jonkella biż-żahar. Igħidlu Dun Karm lil San Pawl:

San Pawl, il-Fidi mqaddsa
Li żrajt fuq art twelidna ,
Li kibret fl-isbaħ siġra
Fil-ġnien ta' Kristu Sidna,

Tidher xi drabi mejta
Fil-kesħa ta' mħabbiet
Fiergħa, ta' ħolm qarrieqi,
Ta' ħabla ta' fehmiet;

Iżda kif tarġa' riesqa
Ix-xemx tal-Għid minn tiegħek,
Tarġa' ma' Malta tixgħel
L-imħabba li ġibt miegħek,

U s-Siġra tħaddar, tħaddar
B'rimi sabiħ mill-ġdid,
U tiżhar b'ward is-sema,
Wegħda ta' saħħa u ġid.

* * *

Monsinjur Dun Karm Psaila mhux magħruf bħala predikatur. B'danakollu, il-poeżiji reliġjużi tiegħu jagħmlu minnu wieħed mill-akbar oraturi u predikaturi siekta ta' dawn il-Gżejjer. Qatt ma ninsa x'qalli darba fuqu, ftit wara li ħriġna mis-Sala ta' l-Arazzi fejn kellna nerġgħu nidħlu biex inkomplu l-Laqgħa tal-Parlament, l-ex-Logutenent Gvernatur ta' Malta, Sir David Campbell: "Kemm hu ħelu fi kliemu Monsinjur Psaila! Emminni, nogħxa u nitgħaxxaq nisimgħu jitħaddet meta niltaqgħu flimkien f'xi Kumitat. Kliemu u leħnu jħolluk". Min-naħa tiegħu, imbagħad, il-Professur Aquilina għal wieħed mis-sunetti ta' Dun Karm, u sewwa sew għal dak imgħammed "Mater Purissima", kiteb hekk: "Il-Madonna ma semgħet l-ebda priedka mill-pulpti tal-knejjes tagħna oħla minnu". Mela Dun Karm jaf jippriedka tajjeb ferm huwa wkoll. Biss, il-priedki sublimi tiegħu, flok ma tismagħhom, taqrahom. U jekk priedka li tkun smajtha darba għandek imnejn tinsieha, biex ma ngħidux tinsieha żgur, meta tkun miktuba f'poeżija bħal dik ta' Dun Karm, issibha miegħek malli tiftaħ ktieb. U issa, għiduli, m'humiex jewwilla, għad li fil-qosor, paneġierki mill-isbaħ dawk il-poeżiji li Dun Karm niseġ u damm dwar Missierna Pawlu? Biżżejjed waqtiet ġabra xotta ta' strofi li jilħqu fil-għadd is-swaba' t'idek

il-waħda biex minnhom dan il-Poeta joħroġlok l-isbaħ kwadru sagru u waħda mill-oħla priedki li qatt smajt. F'din li ġejja, ngħidu aħna, insibu minqux b'ittri jlellxu u jiddu bħad-dawl tassema f'lejla qaddisa tal-Milied iż-żwieġ mistiku ta' Malta ma' Pawlu. Imma l-Qaddis, flok "Maħbuba tiegħi!" jew "Ħanina tiegħi!", isejjaħ lil Malta "Binti"; u hi, l-għaxqa ta' qalbu u ruħu, flok ma tgħidlu "Qalbi!" jew "Ħanini!", issejjaħ lil Pawlu "Missier". Isimgħu ftit xi ħlewwa u ġmiel:

Malta u Pawlu! Min jifridhom?
Ħadd: jixhduh iż-żminijiet.
L-ebda qawwa ma taf tħollu
Dak li rtabat fis-smewwiet.

F'xatt il-baħar, taħt ir-rwiefen,
Huma ltaqgħu ma' xulxin:
Ħarsu, ftehmu, qalbhom xegħlet,
It-tnejn baqgħu mirbuħin.

Bidlu kelma Pawlu u Malta,
Kelma taħraq bħan-nirien:
"Binti", qal il-kbir Appostlu;
"Missier", wieġbet Malta, "hawn jien."

U fil-mixja dewwemija
Ta' mijiet u eluf ta' snin
Malta u Pawlu, ferħ jew niket,
Baqgħu dejjem ma' xulxin.

Sabiħa ħafna wkoll, u hemm fiha s-saħħa ta' Domma tal-Fidi, il-wegħda li jagħmel Pawlu lil Malta:

Binti qalbi, jien naħilfu,
Għadu lilek qatt ma jmiss:
Jekk trid int, qatt ma ninfirdu;
Tħoll u torbot inti biss.

Kemm jaf ifisser Dun Karm, bi kliem ħafif u mexxej daqskemm sabiħ u rżin, dak li fit-Teoloġija hu magħdud bħala għadma tassew iebsa, irrid ngħid jien għat-trattat "De libero arbitrio". **"Jekk trid int"**, igħid lil Artna u lilna San Pawl fi kliem il-Poeta Nazzjonali, **"qatt ma ninfirdu"**. Għandna hawn **il-vo-**

**lontà** jew aħjar **rieda**. Fi kliem ieħor, minna biss jiġi jekk il-Fidi li ħallielna San Pawl tonqosniex jew le. Aħna biss norbtu u nħollu. Rajna hu kollu f'idejna jekk nibqgħux nemmnu jew le. Alla, li ta 'l kulħadd il-**libertà**, ma jġagħal lil ħadd jagħmel dak li ma jkunx irid jew ma jagħmilx dak li jkun irid jagħmel. U hawn tiġi minnufih u tleħħ bħal berqa f'moħħna d-definizzjoni stupenda li jagħtina Dante dwar dan — don li bih Alla għoġbu jagħni lill-bnedem, u l-egħżeż wirt u l-aqwa privileġġ li qatt sata' jingħata mill-Ħallieq lill-maħluq:

Lo maggior don che Dio per Sua larghezza
Fesse creando, ed alla Sua bontate
Più conformato, e quel ch'Ei più apprezza,

**Fu della volontà ta libertate,
Di che le creature intelligenti
E tutte e sole furo e son dotate.**

(PARADISO V, 19-24).

* * *

Meta taqra n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta kif jaf iroddu fi vrusu b'sengħa tassew ta' mgħallem il-Poeta Nazzjonali Dun Karm, tkun qisek qed taqra l-interpretazzjoni tal-Ġenesi kif jaf iroddha fil-kobor ta' għerfu Santu Wistin fl-aħħar tliet kotba ta' l-**Istqarrijiet** tiegħu. Qrajtuhom xi darba l-"Confessiones" ta' dan il-Qaddis, li hu l-akbar fost id-Dutturi tal-Knisja? Jekk le, ippruvaw, u taraw kif tibqgħu mgħaġġbin u miblugħin bl-għerf u l-kobor li ssibu fihom. Il-poeżijiet ta' Dun Karm dwar Missierna Pawlu qishom l-istess ħaġa. Mingħajr dubju, ma hemmx fihom dak il-baħar bla qies ta' għerf li hemm fil-"Confessiones". Imma hemm fihom dak li fil-"Confessiones" ma ssibux: xmajjar ta' ħlewwa u ħajr, ġenna ta' poeżija. Minn qalb Santu Wistin ħarġu jaħarqu bl-imħabba t'Alla l-**Istqarrijiet.** Minn qalb Dun Karm, imsakkra u msaħħra mit-Twemmin ta' l-Appostlu tal-Ġnus, ħarġu jgħaxxqu bil-ġmiel u l-fwieħa **Ħmistax-il Warda** li qatt s'issa ma fetħu bħalhom **Fuq ix-Xtajta Fejn Rifes San Pawl.** Monsinjur Professur Saydon hekk kiteb dwarhom f'"Il-Malti" sitta u għoxrin sena ilu: "Int u taqrahom tħoss xi ħaġa, ma tafx x'inhi, li tqanqlek, li tirbħek, li tirgnek. Hi l-imħabba lejn Pawlu u lejn Malta? Hi ġmiel u qawwa ta' poeżija? Hi l-qalb tal-Poeta li tħabbat u ġġiegħel il-qlub iħabbtu magħha u jħabbtu bħalha...... F'kull waħda jurina l-Poeta (u hawn il-kelma **Poeta** hi ta' kull darba maħżuża bl-ewwel it-

tra tagħha kbira) ħsibijiet u dehriet ġodda minn dawk li jgħaddu, bla ma jista' dejjem jaqbadhom u jżommhom, minn moħħu u minn qalbu. F'waħda jfaħħar il-kobor u l-ġieh li rebħet Malta minn Pawlu, f'oħra jurina 'l Pawlu u 'l Malta mgħannqin jitkellmu kliem ta' mħabba, issa jġibilna quddiem għajnejna l-baħar imqalleb, ir-riħ ivenven, u l-ġifen ta' Pawlu mkisser malblat, u issa jsemmi t-twemmin li tana Pawlu u li baqa' dejjem fina bħal siġra li xenxlet għeruqha 'l isfel, 'l isfel. U mhux biss, imma mqar meta jrid ifisser l-istess ħsieb, jaf dejjem jagħtih issa għamla u issa oħra.''

U tabilħaqq hekk hu. Anzi hi sewwa sew din il-ħaġa li, forsi aktar mill-bqija, tolqotna u tgħaġġibna mhux ftit fil-Poeta tan-**Non Omnis Moriar**: il-ħila kbira li għandu li jikteb daqshekk versi, dejjem b'mod u b'xeħta ġdida, fuq l-istess suġġett u fuq l-istess argument. Irid ikollok moħħ għalliel xi ħaġa, barra ħila speċjali, biex tagħmel dan! U Dun Karm, wara kollox, wieħed biss hawn! Min jikteb bħalu? Isimgħuh itenni u jtellet b'mewġa tgħaxxaq ta' kliem ġdid l-argument li fuqu jdur il-pern talmiġja ta' Pawlu fostna:

**Imbierka t-taqliba li fuqna xeħtitek,**
**Ja dgħajsa mgħobbija b'qawwiet il-Feddej!**
**Il-mewġa qalila ħabbtitek, kissritek......**
**'Ma l-Bniedem tal-ktajjen kien jaf x'inhu ġej.**

**Hawnhekk kellek tasal—hekk kiteb is-Sema:—**
**Li tiġbed għal Ruma riduh il-bnedmin;**
**Fir-rwiefen li venvnu, fil-baħar li tqalla',**
**Min żamm it-tmun tiegħek kien Alla l-ħanin.**

U wara li jgħid dan, arah il-Poeta, waqt li jifraħ lil Artu u jifraħ magħha hu wkoll, jesklama:

**O Malta, xi ħlewwa ta' dija libbsitek**
**Il-għodwa li Pawlu medd fuqek riġlejh!**
**X'nar kibes ġo sidrek, li saħħnek, li xegħlek,**
**Fir-rogħda li tatek il-għafsa ta' jdejh!**

Minn Alla tassew kien dak li ġara fuq xtutna fil-għodwa talgħaxra ta' Frar, elf u disa' mitt sena ilu. It-triqat t'Alla min jifhimhom? U x'hawn iwassal fil-bogħod kif iwasslu huma? Min ħallmu biex imur jappella Ruma lil Pawlu, meta, kif qalu bej-

niethom stess is-Sultan Agrippa u l-Gvernatur Festus, hu seta' jkun meħlus li kieku ma appellax biex tinqatagħlu l-kawża Ruma? U mbagħad għax kellha tqum dik it-tempesta hekk ħarxa li ma qagħditx qabel ma tkisser fuq xtut Malta l-ġifen li fuqu kien hemm Pawlu? Tarġa', fil-qilla u fil-biża' ta' dik it-tempesta min, ħlief il-Mulej Alla, flok il-għarqa u t-telfa tal-baħħara u l-ġifen b'kollox, kien qed jara l-ħelsien tagħhom, u miegħu l-fidwa ta' Malta?

Le, ma qamx minn jeddu l-baħar,
Ma venvinx minn jeddu r-riħ:
It-taqliba kienet twaħħax;
Imma l-ħsieb ħanin, sabiħ.